MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 489/2003

**Michael Debono Limited [C-10002]**

**vs**

**John [765246M] u Maria Lourdes [766644M]**
**konjugi Buttigieg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn seba' mija u tmintax-il Lira Maltin (LM2718) import ta' sett ta' tmintax-il kambjala ffirmati minnhom in pagament tal-prezz ta' vettura tal-ghamla Toyota Yaris (KBD-208) mibjugha u kkonsenjata lilhom, liema kambjali huma kollha skaduti u li huma naqsu illi jhallsu, u dan oltre**

**l-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali relattivi sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2003 u tal-mandat ta' qbidipprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz. Huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fid-29 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------